MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.
JOSEPH S. REFALO**

Seduta tas-16 ta' Dicembru, 2004

Talba Numru. 229/2004

**Maltacom p.l.c. (C-22334)
vs
John Formosa (ID 711636M)**

**It-Tribunal,**

**Ra l-avviz fl-ismijiet premessi prezentat fis-27 ta' Jannar, 2004, fejn intalab il-hlas ta' erba' mija u tnejn u erbghin lira Maltija u tlieta u sittin centezmu (Lm442.63), ammont dovut lis-socjeta` attrici in konnessjoni mas-servizz telefoniku bin-numru 337724 (skond kif jirrizulta mid-dokumenti annessi mal-avviz u mmarkati Dok.A u Dok.B).**
**Illi l-konvenut gie nterpellat sabiex jghaddi ghall-hlas izda baqa' nadempjenti u ghalhekk kellha ssir il-kawza.**
**Bl-ispejjez u bl-imghaxijiet kontra l-konvenut ingunti ghas-subizzjoni.**

**Ra r-risposta tal-konvenut prezentata fil-11 ta' Marzu, 2004, fejn intqal illi l-eccipjent ma ghandux ihallas is-somma premessa lis-socjeta` attrici ;**
**Bla pregudizzju ghandhom jigu kjamati in kawza Dr. Georg Sapiano u martu Audrey Sapiano li jokkupaw il-fond premess u li huma finalment responsabbli ghall-kontijiet in kwistjoni.**

**Ra li l-konvenut qatt ma ressaq provi sabiex it-Tribunal ikun f'posizzjoni li jiddegreta dwar hemmx lok ghall-kjamata in kawza.**

**Semgha x-xhieda ta' Dr. Keith Grech ghas-socjeta` attrici li kkonferma li l-ammont mitlub ghadu dovut, u l-PL Noel Scerri li xehed li l-ammont thallas wara l-prezentata tal-avviz.**

**Ra n-nota prezentata fis-26 ta' Novembru, 2004 li biha s-socjeta` attrici cediet is-sorte filwaqt li zammet ferm il-kap tal-ispejjez.**

**Ghaldaqstant it-Tribunal filwaqt illi jastjeni milli jiehu konjizzjoni ulterjuri dwar is-sorte, jikkundanna lill-konvenut ihallas l-ispejjez tal-prezenti proceduri, salv u impregudikat kull dritt tal-istess fil-fonfront ta' terzi ghall-ispejjez inkorsi.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------